## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru, 2015

**Talba Nru: 342/2015 DMA**

**Jonathan Vella**
**ID. 258374(M)**
**Vs**
**Muscat Motors Ltd**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Mejju , 2015 fejn l-attur talab li hu ha l-vettura tieghu ghat-tiswijiet ghand Muscat Motors Ltd. Fejn huwa sofra danni minhabba nuqqasijiet tal-konvenut.

Illi meta l-attur ha l-vettura tieghu ghand mechanic iehor gie infurmat li l-vettura garbet hsarat ulterjuri waqt li l-vettura kienet ghand il-kumpanija Muscat Motors Ltd. fejn huwa sofra danni minhabba nuqqasijiet da parti tal-konvenut.

Is-socjeta konvenuta debitament notifikata  pprezentat risposta fl- 1 ta' Gunju, 2015 fejn eccepiet illi fl-ewwel lok dan il-mertu qed jigi ttrattat f' kaz iehor quddiem dan

it-Tribunal, diversament presjedut, bejn l-istess partijiet, u ghalhekk ma jistax l-attur jipprezenta l-istess azzjoni darbtejn.

Illi fit-tieni lok u minhajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet tal-attur huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u d-dannu li allegatament qed jghid li sofra huwa dovut ghal fatturi ohra li ma humiex responsabilita tal-konvenut.

It-Tribunal wara li semgha lill-attur jixhed dwar il-hsarat u l-ispejjez li kellu jhallas wara li hareg il-vettura tieghu minghand Muscat Motors Ltd.  meta dan kien dahhal l-istess vettura ghand Muscat Motors Ltd. ghal hsara differenti.

Wara li t-Tribunal semgha lix-xhud Stephen Buhagjar li huwa mechanic u spjega l-hsara li sewwa fil-vettura tal-attur.

It-Tribunal semgha wkoll rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta jispsjega l-hsara li kellha originarjament il-vettura u kif il-hsara sussegwenti ma kellhiex x’tasqsam mal-hsara originali li dahlet biha l-vettura ghand is-socjeta’ konvenuta.

It-Tribunal wara li semgha dan kollu huwa tal-fehma illi l-attur naqas milli jipprova illi l-hsara li kellha l-vettura sussegwentement li kienet ghand Muscat Motors Ltd. Naqas milli jipprova li  Muscat Motors Ltd. kienu responsabbli tal-hsara sussegwenti. Inoltre l-attur ma pprovdiex ricevuti bizzejjed biex jissustanzja l-kawza tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**